20 ta' Jannar, 1954.

Imħallef:
L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Mary Oliva pr. et ne. *versus* Carmelo Oliva

**Separazzjoni Personali — Alimenti — Mara — Tfal — Kuratriċi "Ad Litem" — Kawżali.**

*Għalkemm, biex titlob l-alimenti għal uliedha li jkunu għadhom minuri, il-mara mifruda minn żewġha ma għandhiex għalfejn tiġi maħtura kuratriċi "ad litem", u tista' tfittex għall-għajxien tagħhom b'isimha unifisha biss, ma hemm xejn fil-liġi li jzomm lill-omm, meta taġixxi f'isimhom għall-alimenti spettanti lill-uliedha, taġixxi ħażin.*

*Meta l-mara taġixxi kontra żewġha għas-separazzjoni personali fuq diversi kawżali stabbiliti mill-liġi, hu biżżejjed li tirriżulta waħda biss minn dawk il-kawżali biex tiġġustifika d-domanda tas-separazzjoni personali, purkè dik il-kawżali li tirriżulta tkun ta' gravità tali li tiċċjola profondament il-konvivenza konjugali.*

*Id-dekadenza tal-konjuġi l-ħati mid-drittijiet kontemplati mill-liġi għandha titqies in bażi għall-kawżali li minħabba fiha huwa jkun ta lok għas-separazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, fil-kwalitajiet tagħha fuq imsemmija, wara li ppremettiet illi l-konvenut irrenda ruħu ħati lejha ta' adulterju, sevizji, minaċċi u inġurji gravi, li jirrendu impossibili l-ħajja konjugali bejniethom, talbet illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, (1) tiġi pronunzjata minn din il-Qorti s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal ħtija ta' l-istess konvenut; (2) il-kura tat-tfal, Mary, Carmela, Salvino u Ċettina, minuri, tiġi affidata lilha; (3) il-konvenut jiġi kundannat iħallasha għaliha stess u għall-ulied minuri tal-kontendenti fuq imsemmija, pensjoni alimentarja fl-ammont, lok, u żmien li jiġu determinati minn din il-Qorti; (4) u l-konvenut jiġi dikjarat dekadut mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56, in kwantu applikabili għal każ, u jiġi eventwalment applikat id-dispost ta' l-art. 58 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23). Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-procedura gud-

diem is-Sekond'Awla ta' din l-Qorti, kontra l-konvenut, li jiġi mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha jesponi illi t-talba ma kellhiex għalfejn tiġi magħmula mill-imsemmija Mary Oliva f'isem uliedha minuri, billi l-kawża hija ta' separazzjoni personali, u mhux sempliċement ta' alimenti. Għalhekk, in kwantu proposta f'isem l-imsemmija tfal minuri, id-domanda attriċi għandha tiġi respinta, bl-ispejjeż; illi fil-meritu l-allegazzjonijiet ta' l-attriċi huma foloz, kif jiġi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut;

Illi l-konvenut jallega illi d-domanda attriċi, in kwantu magħmula mill-attriċi f'isem uliedha, għandha tiġi respinta, għaliex il-kawża hi ta' separazzjoni personali, u mhux sempliċement għall-alimenti. Dwar daqshekk jingħad illi huwa evidenti illi t-talba ta' l-attriċi f'isem uliedha tirrigwarda biss l-alimenti li talvolta huwa għandu jissomministralhom, u mhux ukoll it-talbiet l-oħra miġjuba fiċ-ċitazzjoni. Issa, għalkemm biex titlob l-għajxien għal uliedha li jkunu għadhom minuri, l-omm mifruda minn żewġha ma għandhiex għalfejn tiġi maħtura kuratriċi tagħhom, u tista' wkoll tfittex għall-għajxien tagħhom b'isimha nnifisha biss (Vol. III, 32; XXIX—II—428), ma hemm xejn fil-liġi li juri illi l-attriċi ma ttentatx sewwa l-azzjoni meta, għall-alimenti spettanti lill-uliedha, hija aġiet f'isimhom. Tabilħaqq, kif jidher fis-sentenzi ċitati, il-Qorti rriteniet illi l-omm mifruda minn żewġha "tista' wkoll", u mhux "għandha biss", tfittex lill-istess żewġha għall-għajxien ta' wliedha b'isimha biss. Għalhekk din l-eċċezzjoni mhix sostenibili;

Ikkunsidrat fil-meritu;

Illi l-attriċi qiegħda titlob is-separazzjoni personali tagħha mill-konvenut żewġha fuq il-kawżali ta' adulterju, sevizzji, eċċessi, minaċċi u inġurji gravi, kommessi kontra tagħha mill-istess konvenut. L-attriċi ma ġiebet ebda prova, lanqas b'konġetturi jew b'xi mod ieħor, biex issostni l-kawżali ta' l-adulterju; imma l-kawżali l-oħrajn, dawk ta' sevizzji, eċċessi,

innaċċi u inġurji gravi, mill-provi jirriżultaw soddisfaċentement; u għalhekk l-ewwel talba ta' l-attriċi għandha tiġi milqugħa, għaliex hu magħruf illi anki waħda biss mill-kawżali stabbiliti tassativament mil-liġi hi biżżejjed biex tintitola lil min jitlob is-separazzjoni personali; basta illi l-kawżali li tirriżulta tkun tali li tivvijola profondament il-konvivenza konjugali (Vol. XXVI—II—110), kif inhu fil-każ taħt eżami...............;

*Omissis;*

Illi d-dekadenza tal-konvenut mid-drittijiet tiegħu kontemplati fl-art. 56 tal-Kodiċi Ċivili għandha titqies in bażi għall-kawżali li minħabba fihom huwa ta lok għas-separazzjoni personali taħt eżami; u għalhekk għandha tkun kif jingħad aktar 'il quddiem;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, wara li tirrespinġi l-ewwel eċċezzjoni talkonvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu, tilqa' t-talbiet ta' l-attriċi; u għalhekk (1) tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal ħtija tal-konvenut; (2) tordna illi l-kura tat-tfal..............; (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi, għaliha u għat-tfal tagħha,............; (4) tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet kontemplati fl-art. 56 (1) (c) (d) tal-Kodiċi Ċivili. L-ispejjeż tal-kawża jħallashom il-konvenut, minbarra dawk tad-digriet................., li għandhom jitħallsu mill-kontendenti nofs kull wieħed. U tirriżerva illi tagħti kull provvediment ieħor dwar il-kura u kustodja tat-tfal ġa msemmija, jekk ikun il-każ, fuq talba għal daqstant ta' kull waħda mill-partijiet.